KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

Frar 2016

| IL-ĦAMES SENA | L-ISTUDJI SOĊJALI | IL-ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

L-Isem: ______________________ Il-Klassi: __________

Marka Totali
______
80

## IĊ-ĊIVIKA

**Din is-silta minn Patrick Keenan tista' tgħinek twieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin.**

Jiena għadni kemm żort l-iskejjel kollha tal-Gvern f'Malta u sebgħa f'Għawdex. Sibt li ħafna tfal qed jirrepetu l-klassi għax ma jafux jaqraw u jiktbu. Ħafna joħorġu wara l-ewwel klassi għax teżisti d-drawwa li l-ġenituri joħorġu lil uliedhom mill-iskola ta' ħdax jew tnax-il sena biex jibagħtuhom jaħdmu jew biex jgħinuhom fix-xogħol tad-dar.
Hemm saħansitra tfal li qatt ma marru skola! Nixtieq li l-iskola ssir obligatorja għal tfal minn ħamsa sa tnax-il sena, iżda għalissa dan ma jistax isir għax f'Malta u f'Għawdex għad m'hemmx biżżejjed skejjel biex jilqgħu lit-tfal kollha!



Sir Patrick Keenan

1. **Wieġeb dawn dwar is-silta li qrajt. (4 marki)**
   **Aqta' sing taħt it-tajba.**



a) Sir Patrick Keenan ġie Malta biex

- jibni skejjel ġodda tal-gvern.
- jistħarreġ il-qagħda tal-edukazzjoni f'Malta.
- jikxef monument ġdid f'Għawdex.

b) Din is-silta turi li l-maġġoranza tat-tfal ta' dak iż-żmien

- kienu bravi ħafna.
- kienu jħobbu jgħinu lill-ġenituri tagħhom.
- ma kinux imorru skola jew ma jkomplux jattendu.

ċ) Meta wieħed ma jkunx jaf jaqra jew jikteb jissejjaħ

- illitterat.
- litterat.
- injorant.

d) Fi żmien Sir Patrick Keenan fl-iskejjel kienet tingħata importanza

- lill-Malti.
- lill-Ingliż.
- lit-Taljan.

e) Semmi **żewġ** affarijiet li nbidlu fl-edukazzjoni minn żmien Sir Patrick Keenan sal-lum. **(2 marki)**

________________________________________________

________________________________________________

2. Qabbel dawn billi tikteb in-numri fil-kaxxa.
Ara l-eżempju. (5 marki)




| | | | |
|---|---|---|---|
| *1* | *L-istudenti għandhom id-dmir* | | isir progress żgur. |
| 2 | Il-ġenituri għandhom id-dmir | | tingħata bla ħlas. |
| 3 | Meta pajjiż ikollu sistema ta' edukazzjoni tajba | *1* | *li jmorru l-iskola, jistudjaw u joqogħdu attenti waqt il-lezzjoni.* |
| 4 | Illum l-edukazzjoni fl-iskejjel tal-Gvern | | li niżviluppaw il-personalità tagħna, insibu x-xogħol u nsiru ċittadini tajbin. |
| 5 | L-iskola llum hija obbligatorja | | li jibagħtu lil uliedhom l-iskola. |
| 6 | L-iskop prinċipali tal-edukazzjoni hu | | għal studenti bejn 5 u 16-il sena. |

**3. Wieġeb billi timla l-vojt bil-kliem mogħti. (5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| l-Università | ħames | Kindergarten | jistudjaw | fl-edukazzjoni |
| kulturali | kulleġġi | prinċipal | mid-dar | għalliem |



L-Edukazzjoni tibda ____________________ , imma dan mhux biżżejjed. Għalhekk hemm l-iskola biex tgħin lill-ġenituri ____________________ ta' wliedhom.

Fil-____________________ it-tfal jitgħallmu jilagħbu flimkien u jaqsmu ma' ħaddieħor. Ta' ____________________ snin jibdew l-iskola Primarja.

Barra milli jitgħallmu jaqraw u jiktbu b'żewġ lingwi, huma jistudjaw ir-Reliġjon u l-Matematika, kif ukoll suġġetti ____________________ bħall-Arti u l-Mużika fost oħrajn.

Fl-iskola Sekondarja, għal kull suġġett hemm ____________________ differenti. F'Malta l-iskejjel huma mqassma f'għaxar ____________________ u kull wieħed minnhom jitmexxa minn ____________________.

Meta l-istudenti jispiċċaw is-snin tal-iskola Sekondarja, dawk li jagħżlu li jkomplu ____________________, l-ewwel jattendu l-*Junior College* u wara għandhom għażla bejn l-MCAST u ____________________.

**4. Dawn huma xi attivitajiet li jagħmlu t-tfal wara l-ħin tal-iskola.**

- għajnuna lill-ġenituri fix-xogħol tad-dar
- sehem f'attivitajiet sportivi mal-klabb jew ma' tal-familja
- riċerka fuq il-kompjuter/internet għal temi li jkunu mgħallma l-iskola
- jaraw programmi fuq it-TV jew logħob fuq it-*tablet/playstation*
- qari ta' kotba u studju
- irqad biżżejjed matul il-lejl u ħin għall-mistrieħ matul il-jum
- parteċipazzjoni f'attivitajiet reliġjużi bħal quddiesa u duttrina
- żjara lil xi qraba f'darhom, f'dar tal-anzjani jew l-isptar

**Mil-lista t'hawn fuq agħżel attività li hija**: **(2 marki)**

**Dritt** ______________________________________________

______________________________________________

**Dmir** ______________________________________________

______________________________________________

**5. Wieġeb dawn fil-qosor**. **(2 marki)**

a) X'jiġri jekk ma norqdux biżżejjed bil-lejl?

______________________________________________

b) Għaliex taħseb li l-logħob huwa importanti?

______________________________________________

6. **Agħti eżempju biex tispjega <u>kull waħda</u> minn dawn.** **(3 marki)**

a) Kif tista' tgħin fid-dar?

________________________________________________

________________________________________________

b) X'tagħmel fil-ħin liberu tiegħek?

________________________________________________

________________________________________________

ċ) Kif jgħinek il-qari?

________________________________________________

________________________________________________

7. **Immarka (✓) biex turi jekk hux VERU jew FALZ.** **(2 marki)**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-ħaxix u l-ħut huma tajbin għal saħħitna. | | |
| 2 | L-eżerċizzju jgħajjina u ħażin għall-qalb. | | |
| 3 | Tista' tiekol ħelu kemm trid basta taħsel snienek wara. | | |
| 4 | Il-mediċini għandna noħduhom biss fuq il-parir tat-tabib. | | |

8. Qabbel kolonna A ma' B biex turi x-xebh bejn id-dinja tax-xogħol u dik tal-iskola. Ara l-eżempju. (3 marki)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| *1* | *Ħafna nies iqumu kmieni biex imorru għax-xogħol.* | | Jekk nasal tard l-iskola nista' naqla' xi ċanfira u nitlef mil-lezzjoni. |
| 2 | Missieri jaħdem f'fabbrika u ommi taħdem f'uffiċċju. | | L-iskola jkolli ħafna okkażjonijiet fejn irrid naħdem fi grupp. |
| 3 | Jekk ħaddiem ma jasalx fil-ħin ikollu problemi mal-imgħallem. | | L-istudju fih is-sagrifiċċju u mhux dejjem ikolli aptit. |
| 4 | Xi xogħol irid jitkompla d-dar wara l-ħin tax-xogħol. | ***1*** | ***Biex nasal l-iskola fil-ħin hemm bżonn li nqum kmieni.*** |
| 5 | Biex ix-xogħol isir sew jeħtieġ li l-ħaddiema jaħdmu id f'id bħala tim. | | Bl-istudju jien nipprepara ruħi biex 'l quddiem insib ix-xogħol li nixtieq. |
| 6 | Kull xogħol fih xi forma ta' tbatija. | | Jien nattendi l-iskola Primarja u ninsab fil-5 klassi. |
| 7 | Ix-xogħol jipprovdi l-flus li hemm bżonn biex ngħixu ħajja komda. | | Il-*homework* jurini jekk fhimtx il-lezzjoni jew le. |



## IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA

**9. Immarka l-kaxxa t-tajba. (5 marki)**

a) Sajjieda li jaqilgħu x'jieklu mis-sajd biss insejħulhom sajjieda

| | | |
|---|---|---|
| part-time. | full-time. | dilettanti. |

b) Raħal ewlieni tas-sajd f'Malta huwa

| | | |
|---|---|---|
| l-Imġarr. | s-Siġġiewi. | ż-Żurrieq. |

ċ) Il-parti tal-baħar madwar il-gżejjer Maltin, li tingħata lil sajjied biex jistad fiha tissejjaħ

| | | |
|---|---|---|
| rixa. | rimja. | rima. |

d) Waħda mid-dgħajjes li jużaw is-sajjieda għandha l-poppa u l-pruwa ġejjin għall-ponta. Din hija

| | | |
|---|---|---|
| l-luzzu. | l-kajjik. | l-frejgatina. |

e) Skont riċerka li ssir kull sena, in-numru ta' sajjieda *full-time* fi gżiritna minn sena għal oħra qiegħed

| | | |
|---|---|---|
| dejjem jiżdied. | dejjem jonqos. | jibqa' l-istess. |

10. **Mario u Charmaine, studenti tal-5 sena, għamlu intervista lil sajjied f'San Pawl il-Baħar. (10 marki)**

**Imla l-vojt bi kliem li jinsab fil-kaxex.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| l-maltemp | l-kompetizzjoni | GPS | jiżbogħ | fl-art |
| familja | x-xbiek u n-nases | l-iskandal | għalf | r-radju |

**a) Liema xogħol jagħmel sajjied qabel joħroġ fuq il-baħar biex jistad?**

"Ix-xogħol tas-sajjied jibda ________________, ħafna qabel ma jiftaħ l-istaġun tas-sajd. Is-sajjied irid ________________ id-dgħajsa u jara li tkun tiflaħ għall-baħar biex ma tkunx ta' periklu. Irid jipprepara ________________ u jara li jkunu nodfa u fuq kollox mhux imtaqqbin. Irid jaħseb ukoll għall-________________ li jrid juża waqt is-sajda. "

**b) X'inġenji tuża fuq id-dgħajsa tiegħek?**

"Għandi l-________________ u r-radar biex inkun naf eżatt fejn qiegħed. Biex nikkomunika mal-port nuża ________________. Sabiex inkun naf il-fond tal-baħar u jekk il-post huwiex tajjeb biex nistad għandi strument li jissejjaħ ________________."

**ċ) X'inhuma l-problemi li jħabbat wiċċu magħhom kull sajjied?**

"L-akbar periklu huwa ________________. Imbagħad ġieli ddum ġranet sħaħ mifrud mill-________________ u ma tkunx taf jekk is-sajda tkunx tajba biżżejjed. Dan barra ________________ minn sajjieda barranin li huma attrezzati ħafna aktar minna għas-sajd."

11. **Ikteb in-numri *2* sa *6* fil-kaxxi biex tirranġa wara xulxin is-sentenzi dwar is-sajd tal-lampuki. Ara l-eżempju. (5 marki)**

| | |
|---|---|
| | Is-sajjieda jdawru l-kannizzati b'xibka u din tingħalaq u tittella' bil-ħut maqbud fiha. |
| | Il-lampuki jittieħdu l-Pixkerija biex jinbiegħu. |
| ***1*** | ***Qabel jibda l-istagun, is-sajjieda jorbtu sufri, xkejjer u weraq tal-palm biex jagħmlu l-kannizzati.*** |
| | Il-lampuki jmur għad-dell taħt il-kannizzati. |
| | Biex il-kannizzata ma tinġarrx mal-kurrent, tintrabat b'ħabel ma' knatan li jintefgħu f'qiegħ il-baħar. |
| | Biex il-ħut jibqa' frisk, jitpoġġa f'kavetti u jitgħatta bis-silġ. |

12. **Ikteb <u>3 sentenzi</u> differenti <u>fuq waħda</u> minn dawn. (6 marki)**

a) Is-sajd bla rażan (*overfishing*)

b) L-awrata

ċ) Il-*fishfarms*



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

13. **Aqta' sinjal taħt it-tajba.** **(3 marki)**

a) Iċ-Ċentru tal-Akkwakultura jinsab (iċ-Ċirkewwa, Marsaxlokk, Marsalforn, ir-Rabat).



b) Dan iċ-Ċentru qiegħed fit-Torri (l-Aħmar, tal-Pixkerija, ta' San Ġiljan, ta' San Luċjan).

ċ) Barra mit-trobbija tal-ħut, fiċ-Ċentru jsir ukoll studju fuq (is-sajd, il-fejqan tal-mard, it-tisjir, il-bejgħ) tal-ħut.

d) Meta jikber biżżejjed, il-ħut jittieħed (il-Pixkerija, fil-lukandi, fil-fishfarms, fir-ristoranti) biex jitkabbar.

e) Ħafna mill-ħut li jitkabbar hawn jiġi esportat lejn (Sqallija , l-Italja, l-Amerka, il-Ġermanja).

f) Ħuta ewlenija li titkabbar bl-akkwakultura hija l- (mulett, lampuka, awrata, pixxispad).



## MILL-GĦERIEN GĦALL-ISKYSCRAPERS

**14. Qabbel billi tikteb in-numru fil-kaxxi l-vojta. Ara l-eżempju.**

**(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***1*** | ***L-eqdem forom ta' kenn li kellu l-bniedem*** | | l-arkeoloġi għamlu skavi u sabu ħafna fossili ta' annimali differenti. |
| 2 | F'Għar Dalam, qrib Birżebbuġa | | xi bdiewa kienu joqogħdu fl-għerien qrib l-għelieqi tagħhom. |
| 3 | Minn fdalijiet li nstabu f'dan l-għar naturali | | f'post li llum jissejjaħ Skorba, qrib l-Imġarr Malta. |
| 4 | Fil-Fawwara, qrib is-Siġġiewi, sa ftit żmien ilu | | kien għad hemm familji jgħixu fl-għerien flimkien mal-annimali li kienu jrabbu. |
| 5 | F'Għar il-Kbir qrib il-Buskett u Dingli Cliffs, sas-sena 1800 | ***1*** | ***kienu l-għerien naturali fil-blat.*** |
| 6 | Fil-Preistorja, in-Neolitiċi bnew għerejjex miz-zkuk u mit-tajn | | sirna nafu li l-ewwel nies Neolitiċi li għexu hawn Malta ġew minn Sqallija. |

**15. Semmi.** **(4 marki)**



a) Vantaġġ wieħed li kellu min kien jgħix ġol-għerien.

________________________________________

________________________________________

b) Problema waħda li taħseb li kellu min kien jgħix fl-għerien.

________________________________________

________________________________________

16. **Imla l-vojt bi kliem mogħti.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| villa | barrieri | girna | briks | skyskrapers |
| blokk | konkrit | irziezet | Qasam tad-Djar | flett |

Id-djar fil-gżejjer tagħna huma mibnija f'daqsijiet u stili differenti.

Fil-kampanja għadna naraw l-______________________ fejn dari kien joqgħod xi bidwi mal-familja tiegħu. Dan kellu wkoll xi ______________________ fejn kien iżomm l-għodda tal-għalqa.

Il-popolazzjoni dejjem tikber. Dan iġib il-ħtieġa ta' aktar djar. Hemm min għandu l-mezzi biex jibni ______________________ maqtugħa għaliha u mdawra b'xi ġardin kbir. Oħrajn imorru joqogħdu f'______________________ fejn issib ringiela ta' djar b'żewġ sulari mibnija pjuttost waħda bħall-oħra.

Hemm min jagħżel li joqgħod fi ______________________ li jagħmel parti minn ______________________ bini b'ħafna djar li tidħol għalihom minn bieb prinċipali. Xi ngħidu mbagħad għall-bini għoli li naraw Tas-Sliema u Paceville. F'dawn l-ispeċi ta' ______________________ joqogħdu ħafna nies. Il-ġebla tal-franka li tinqata' mill-______________________ tintuża ħafna fil-bini tad-djar. Iżda llum jintużaw ukoll ______________________. Għas-soqfa, jintuża l-______________________ li huwa taħlita ta' ramel, żrar u siment.

**17. Kompli dawn f'sentenza.** **(4 marki)**

a) Il-gallariji Maltin ______________________________

______________________________

b) Fl-antik, is-soqfa tad-djar ______________________________

______________________________

ċ) Il-vantaġġ tal-aluminju hu ______________________________

______________________________

d) Il-krejnijiet jintużaw biex ______________________________

______________________________



**TMIEM IL-KARTA**